# EEA Briefing 2008 01

ISSN 1830-5628

# L-immaniġġjar aħjar ta' l-iskart muniċipali inaqqas l-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra

- L-ammont ta' skart muniċipali fis-sena mistenni jiżdied b'25 % mill-2005 sa l-2020.
- Iż-żieda fl-irkuprar ta' skart u t-tneħħija ta' l-iskart 'il bogħod mill-miżbliet għandhom rwol importanti sabiex jiġu indirizzati l-impatti ambjentali tal-volumi ta' skart li qed jiżdiedu.
- Billi qed jiżdiedu r-riċiklaġġ u l-inċinerazzjoni bl-irkuprar ta' l-enerġija, l-emissjonijiet netti ta' gassijiet serra mill-immaniġġjar ta' l-iskart muniċipali huma mistennija li jonqsu b'mod konsiderevoli sa l-2020.
- Il-limitazzjoni jew l-evitar ta' żieda fil-volumi ta' l-iskart ikomplu jnaqqsu l-emissjonijiet ta' gassijiet b'effet ta' serra mis-settur ta' l-iskart u jagħtu aktar benefiċċji lis-soċjetà u lill-ambjent.

## Volumi ta' skart li qed jiżdiedu

Fl-2005, kull ċittadin Ewropew iġġenera medja ta' 460 kg ta' skart. Fl-2004, dan l-ammont tela' għal 520 kg għal kull persuna, u hija mbassra żieda oħra għal 680 kg kull persuna sa l-2020. Bħala total, dan jikkorrispondi għal żieda ta' 50 % f'25 sena. Din iż-żieda kontinwa mbassra hi dovuta primarjament għal żieda sostenibbli preżunt fil-konsum finali privat (jiġifieri żieda medja fl-UE-15 u l-UE-12 ta' 2 % u 4 % fis-sena rispettivament sa l-2020 (KE, 2006)) u kontinwazzjoni tat-tendenzi attwali fil-mudelli ta' konsum.

Madankollu, kif jidher fil-figura 1, hemm differenzi sinifikanti bejn l-Istati Membri ta' l-UE-15 (1) u ta' l-UE-12 (2). Filwaqt li fl-2004, ċittadin ta' l-UE-15 iġġenera medja ta' 570 kg, iċ-ċifra għaċ-ċittadin ta' l-UE-12 kienet ta' 335 kg biss. Madankollu, billi l-ekonomiji ta' l-UE-12 jiżviluppaw aktar u l-mudelli ta' konsum jevolvu, hemm probabilità li l-volumi ta' skart jiżdiedu tul il-15-il sena li ġejjin u joqorbu għal-livelli attwali ta' l-UE-15. Jekk inħarsu 'l quddiem, il-volumi ta' skart muniċipali fi ħdan l-UE-12 u l-UE-15 huma mistennija li jikbru bi 22 % u 50 % rispettivament. Matul il-perjodu kollu, fl-UE-15, jiġi iġġenerat aktar minn 80 % tat-total ta' l-iskart muniċipali.

Kieku kellu sempliċiment jitferrex ma' l-art, l-iskart muniċipali kollu iġġenerat fl-2020 (jiġifieri madwar 340 miljun tunnellata), dan ikopri erja d-daqs tal-Lussemburgu bi ħxuna ta' 30 ċm jew ta' Malta bi ħxuna ta' 2.5 m!

Dawn ir-riżultati jindikaw li l-isforzi sabiex jipprevjenu l-ġenerazzjoni ta' l-iskart għandhom jissaħħu sostanzjalment, jekk irid jintlaħaq l-iskop tas-Sitt Programm ta' Azzjoni għall-Ambjent li l-volumi ta' skart jitnaqqsu b'mod sostanzjali.

(1) L-Awstrija, il-Belġju, id-Danimarka, il-Finlandja, Franza, il-Ġermanja, il-Greċja, l-Irlanda, l-Italja, il-Lussemburgu, l-Olanda, il-Portugall, Spanja, ir-Renju Unit u l-Iżvezja.
(2) Il-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, Ċipru, l-Estonja, il-Latvja, il-Litwanja, Malta, il-Polonja, ir-Rumanija, is-Slovakkja, is-Slovenja u l-Ungerija.

**Figura 1 Ġenerazzjoni u mmaniġġjar ta' skart muniċipali fl-Ewropa (*per capita*)**




**Sorsi:** Eurostat u ETC/RWM.

## Irkuprar li qed jiżdied u tnaqqis fl-emissjonijiet ta' l-iskart 'il bogħod mill-miżbla

Storikament, ir-rimi f'miżbla kien il-metodu tat-trattament predominanti għall-iskart muniċipali, iżda tul dawn l-aħħar żewġ deċennji kien hemm tnaqqis konsiderevoli. Fl-2004, 47 % tat-total ta' skart muniċipali fl-UE tqiegħed f'miżbla (ara Figura 1). Dan mistenni li jkompli jonqos għal madwar 35 % sa l-2020. Ir-riċiklaġġ u l-operazzjonijiet l-oħra ta' rkuprar ta' materjal huma mistennija li jiżdiedu mil-livell attwali ta' 36 % għal madwar 42 % sa l-2020. Finalment l-inċinerazzjoni ntużat għal 17 % ta' skart muniċipali fl-2004 u mistenni li tiżdied għal madwar 25 % fl-2020.

Dawn it-tendenzi passati u futuri huma parzjalment ir-riżultat ta' politiki ddedikati bil-għan li jiżdied ir-riċiklaġġ u l-irkuprar ta' skart ta' l-ippakkjar (eż. id-Direttiva ta' l-1994 dwar l-Ippakkjar) u biex l-iskart muniċipali bijodegradabbli jinżamm 'il bogħod mill-miżbla (eż. id-Direttiva ta' l-1994 dwar il-Miżbliet). Globalment, huwa mbassar aktar tnaqqis fil-kwantità ta' skart muniċipali li jmur fil-miżbla, li jirrifletti l-isforzi magħmula fil-livelli nazzjonali u Ewropej sabiex fost l-oħrajn jintlaħqu l-għanijiet stabbiliti mis-Sitt Programm ta' Azzjoni dwar l-Ambjent.

Pubblikazzjoni ta' l-EEA (EEA, 2007) iddeskriviet metodi fl-approċċi għall-immaniġġjar ta' l-iskart ta' l-Istati Membri, partikolarment fil-kuntest tad-Direttiva dwar il-Miżbliet.

## Tnaqqis fl-emissjonijiet netti ta' gass b'effett ta' serra mill-immaniġġjar ta' l-iskart muniċipali

Fl-2005, l-emissjonijiet ta' gass b'effet ta' serra mill-immaniġġjar ta' l-iskart, irrappreżentaw madwar 2 % ta' l-emissjonijiet totali fl-Unjoni Ewropea.

L-emissjonijiet tal-metanu, wieħed mis-sitt gassijiet b'effett ta' serra kkontrollati mill-Protokoll ta' Kyoto, huma marbuta b'mod speċjali ma' l-agrikoltura (b'mod partikolari mal-bhejjem ta' l-ifrat) u ma' l-operazzjonijiet tal-miżbliet. Id-Direttiva ta' l-UE dwar il-Miżbliet timmira li twassal għal tnaqqis ta' l-emissjonijiet ta' gass, per eżempju permezz ta' rkuprar ta' metanu u d-tneħħija ta' l-iskart muniċipali bijodegradabbli 'l bogħod

mill-miżbla. Interface ieħor bejn il-politiki ta’ l-immaniġġjar ta’ l-iskart u tat-tibdil tal-klima huwa l-konsum ta’ enerġija (li jgħolli l-emissjonijiet tal-gass b’effett ta’ serra) mill-ġbir, it-trattament u l-użu ta’ l-iskart għall-fabbrikazzjoni ta’ prodotti.

L-emissjonijiet netti tal-gassijiet b’effett ta’ serra mill-immaniġġjar ta’ l-iskart muniċipali huma mbassra li jonqsu mill-massimu ta’ madwar 55 miljun tunnellata ta’ ekwivalenti ta’ $CO_2$ fis-sena fi tmiem is-snin 80 għal 10 tunnellati ta’ ekwivalenti ta’ $CO_2$ sa l-2020 (Figura 2).

Dan hu dovut għal żewġ żviluppi separati. Fuq naħa, il-kwantitajiet ta’ skart li jidħlu fil-faċilitajiet ta’ l-immaniġġjar ta’ l-iskart huma mbassra li jibqgħu jikbru filwaqt li l-ġenerazzjoni ta’ l-iskart per capita tiżdied u l-ġbir ta’ l-iskart jitjieb aktar. Dan iżid l-emissjonijiet diretti tal-gassijiet b’effett ta’ serra fis-settur ta’ l-immaniġġjar ta’ l-iskart. Ir-rimi fil-miżbliet jirrappreżenta 60 % tat-total fl-2020, u r-riċiklaġġ u l-inċinerazzjoni madwar 20 % kull wieħed.

Min-naħa l-oħra, ir-riċiklaġġ u l-inċinerazzjoni ser jintużaw aktar. Dan jirrappreżenta tnaqqis (jew evitar ta’ emissjonijiet tal-gass b’effett ta’ serra) li jikkumpensa għall-emissjonijiet diretti. Ir-riċiklaġġ jikkontribwixxi għal 75 % tat-total ta’ l-emissjonijiet evitati sa l-2020 u l-inċinerazzjoni għal kważi 25 %.

Għalhekk, globalment, it-tbassir juri li l-immaniġġjar aħjar ta’ l-iskart muniċipali inaqqas l-emissjonijiet tal-gass b’effett ta’ serra fl-Ewropa, u jissepara l-pressjonijiet ambjentali mill-iżvilupp ekonomiku kif mitlub mis-Sitt Programm ta’ Azzjoni dwar l-Ambjent. Barra minn hekk, fl-istennija li jsir aktar żvilupp fir-riċiklaġġ u bl-iskart użat bħala riżorsa, it-tbassir jipponta lejn l-ilħuq ta’ l-għan fuq perjodu ta’ żmien fit-tul, li s-soċjetà ssir soċjetà ta’ riċiklaġġ kif iddikjarat fl-Istrateġija Tematika dwar il-Prevenzjoni u r-Riċiklaġġ.

Il-projezzjonijiet użati f’dan l-istudju jassumu li l-kapaċità ta’ l-immaniġġjar ta’ l-iskart tikber sabiex tagħmel tajjeb għad-domanda. Madankollu jekk l-investiment, f’kapaċitajiet

**Figura 2 Tendenzi u projezzjonijiet ta’ l-emissjonijiet ta’ gass b’effett ta’ serra mill-immaniġġjar ta’ l-iskart muniċipali fl-Unjoni Ewropea**




**Sorsi:** ETC/RWM.

TH-AM-08-001-MT-N
10.2800/27127

ta' l-immaniġġjar ġodda u mtejba ma jżommx il-pass mal-kwantitajiet ta' skart li qed jiżdiedu, l-emissjonijiet netti tal-gass b'effett ta' serra jistgħu jkunu akbar minħabba l-ineffiċjenza fl-immaniġġjar.

**Aktar benefiċċji mil-limitazzjoni jew mill-evitar taż-żieda tal-volumi ta' skart**

Filwaqt li l-projezzjonijiet juru li l-emissjonijiet netti tal-gassijiet b'effett ta' serra ser jonqsu minkejja l-volumi ta' skart li qed jiżdiedu, l-azzjoni sabiex tiġi limitata jew evitata ż-żieda mbassra fil-volumi ta' skart se tnaqqas aktar l-emissjonijiet netti ta' gass b'effett ta' serra mis-settur ta' l-immaniġġjar ta' l-iskart. Il-ġbir u t-trasport ta' l-iskart, skond il-volumi ta' skart, huwa stmat li jammonta għal inqas minn 5 % ta' l-emissjonijiet diretti ta' gass b'effett ta' serra tas-settur ta' l-iskart, l-aktar minħabba d-distanzi qosra li fihom normalment ikun ittrasportat l-iskart muniċipali. Madankollu din iċ-ċifra, tirrappreżenta 40 % ta' l-emissjonijiet netti fl-2020.

Il-limitazzjoni tal-volumi ta' skart iġġib aktar benefiċċji bħal inqas spejjeż fl-immaniġġjar ta' l-iskart, u tnaqqis fit-tniġġis ta' l-arja (b'partiċelli u ossidi tan-nitroġenu) u fl-istorbju relatat mal-ġbir u t-trasport ta' l-iskart. Min-naħa l-oħra, l-ispejjeż ta' l-immaniġġjar ta' l-iskart jistgħu jiżdiedu b'mod sostanzjali biż-żieda fil-volumi. L-ispejjeż tal-ġbir u tat-trattament ta' l-iskart huwa partikolarment oneruż u l-ġenerazzjoni ta' l-iskart hija definita bħala telf ta' riżorsi.

Bħala konklużjoni, l-Ewropa ma tistax issir sodisfatta fir-rigward taż-żieda kontinwa ta' l-iskart — u dan jirrifletti l-mudelli insostenibbli ta' konsum u produzzjoni — billi fuq medda taż-żmien dan jista' jkun akbar mill-iżviluppi li qed iseħħu fis-settur ta' l-immaniġġjar ta' l-iskart.

**Referenzi**

EC (2006), *European Energy and Transport — Trends to 2030 — update 2005*, Komunitajiet Ewropej, DĠ TREN, Lussemburgu.

ECC (2007), *The road from landfilling to recycling: common destination, different routes*, Aġenzija Ewropea ta' l-Ambjent, Kopenħagen.

ECC (2008), Supporting document to EEA Briefing 2008/01 *L-immaniġġjar aħjar ta' l-iskart muniċipali inaqqas l-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra*, Aġenzija Ewropea ta' l-Ambjent, Kopenħagen. http://reports.eea.europa.eu/briefing_2008_1/en/Supporting_document_to_EEA_Briefing_2008-01.pdf.

European Environment Agency
Kongens Nytorv 6
1050 Copenhagen K
Denmark

Tel.: +45 33 36 71 00
Fax: +45 33 36 71 99

Web: eea.europa.eu
Enquiries: eea.europa.eu/enquiries

Publications Office
Publications.europa.eu

ISBN 978-92-9167-344-5